MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1563/2003

**Jonathan Grech**

**vs**

**Giuseppe Gambin u Andrew Kelly**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu, 2003 fejn intalab l-ammont mitlub li gie ridott ghall-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) ghall-finijiet ta' kompetenza, jirrapprezenta d-danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku illi sehh nhar it-28 ta' Lulju, 2002 ghall-habta ta' 6.15a.m. gewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attur bin-**

**numru ta' registrazzjoni JON 456 u l-vetturi misjuqa mill-konvenut Giuseppe Gambin bin-numru tar-registrazzjoni CAM 828 u mill-konvenut Andrew Kelly bin-numru tar-registrazzjoni KEL 101 rispettivament, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenuti jew min minnhom.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-konsult ammontati ghal hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50), dawk ta' l-ittra legali tas-26 ta' Marzu, 2003, u dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera CGU Insurance plc u wkoll lis-socjeta' Middle Sea Insurance plc, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut Giuseppe Gambin fit-3 ta' Ottubru, 2003, fejn intqal :**
**Illi l-incident in kwistjoni sar tort unikament tal-konvenut l-iehor Andrew Kelly li bhala fatt kien Andrew Kelly li kkaguna l-hsara tal-incident in kwistjoni.**
**Illi ghalhekk it-talbiet kontra l-konvenut Giuseppe Gambin huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni u mori tal-kawza.**

**Ra r-risposta fil-kawza tal-konvenut Andrew Kelly pprezentata fid-29 ta' Dicembru, 2003 fejn intqal illi:**
**Illi t-talbiet attrici kif diretti kontra l-eccipjenti Andrew Kelly huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu billi l-incident in kwistjoni ma sarx tort tal-eccipjenti u dana kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 1096 Edmund Cuschieri, Jonathan Grech, Giuseppe Gambin, Andrew Kelly, Supretendent Ronald Kelly. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha**

**tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fit-28 ta' Lulju, 2002 ghall-habta tas-6.15am fi triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, quddiem fejn hemm id-dahla ghac-cimiterju li jinsab f'dik it-triq. Involuti fl-incident kienu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JON-456 misjuqa mill-attur, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAM-828 misjuqa mill-konvenut Giuseppe Gambin, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KEL-101 misjuqa mill-konvenut Andrew Kelly.**

**2. Jirrizulta li l-attur u l-konvenut Kelly kienu mexjin fl-istess direzzjoni qabel ma sehh l-incident. Dawn kienu gejjin mid-direzzjoni tal-Mosta sejrin fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar.**

**3. Il-konvenut Gambin kien ukoll gej mill-istess direzzjoni, u ma jirrizultax li dan hareg minn xi ghalqa minn fuq ix-xellug tat-triq int u thares fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar, kif allegat. Il-konvenut Gambin kien qed jaghmel manuvra sabiex jaqbez il-linja medjana tat-triq biex imur ghac-cimiterju li jinsab fuq in-naha l-ohra tat-triq.**

**4. Ghalhekk il-manuvra ta' Gambin kienet tinvolvi li jaghmel senjalazzjoni adegwata ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel, u li jaghmel il-manuvra minghajr ma jkun ta' ostakolu la ghat-traffiku li kien gej minn warajh u lanqas ghat-traffiku li seta kien gej fil-karreggjata opposta. Fil-fatt bhala traffiku ma jirrizultax li kien hemm vetturi ohra ghaddejjin la f'direzzjoni lanqas f'ohra hlief il-vetturi involuti fl-incident.**

**5. L-attur kien ghaddej b'xi 40/50kfs. Il-konvenut Kelly ssorpassah u dana b'certu velocita`. L-istess attur jghid li il-konvenut Kelly kien ghaddej b'velocita` qawwija. F'dan il-waqt tas-sorpass l-attur seta' jara lill-konvenut Gambin quddiemu, circa tlett mitt pied quddiemu. Dan hu rilevanti, in kwantu hekk kif l-attur seta' jara lill-konvenut Gambin, bl-istess mod seta' jarah il-konvenut Kelly. Fil-fatt mid-deposizzjoni**

**tieghu l-istess konvenut Kelly jghid li ra lill-konvenut Gambin jaghmel U-turn, u biex ma jidholx fihipprova jghaddi minn quddiem il-vettura tal-konvenut Gambin, cioe` minn bejn l-imsemmija vettura u c-cimiterju. Kien f'dak il-waqt li sar l-impatt.**

**6. Saret allegazzjoni li l-attur u l-konvenut Kelly li jafu lil xulxin kienu qed itellqu. Din l-allegazzjoni ma giet b'ebda mod kollaborata u ghalhekk qed tigi skartata.**

**7. Rilevanti ukoll ghad-determinazzjoni tal-htija, illi meta l-konvenut Kelly issorpassa lill-attur, dan gie fuq il-karreggata opposta tat-triq.**

**8. Kien ghal din l-ahhar raguni li meta sab lill-konvenut Gambin ma' wiccu, l-konvenut Kelly ghamel manuvra evasive kif intqal. Din il-manuvra ma rnexxietx. Peress li l-konvenut Kelly kien ghaddej b'velocita` esagerat, dana wara l-habta mal-konvenut Gambin, tilef il-kontroll baqa sejjer ghall-go hajt li hemm fuq ix-xellug tat-triq int hu thares lejn San Pawl il-Bahar, u minn hemm irrimbalza biex mar fid-direzzjoni l-ohra u laqat lill-attur li kien baqa' ghaddej wara li sehhet il-habta.**

**9. Jirrizulta li l-attur, wara li habat fih Kelly, baqa' sejjer biex dar mar-roundabout u gie jhares kif muri fl-isketch Dok.EC2, u nizel biex jara ghandhomx bzonn xi haga.**

**10. Rilevanti ukoll ghad-determinazzjoni tal-htija dak li qal il-konvenut Gambin meta xehed: "Minn warajja mill-mera tan-nofs, jiena ma rajt lil hadd gej." Dana qed jghidu meta fil-fatt iz-zewg vetturi l-ohra setghu jarawh. Ghalhekk ta' bilfors ma kienx qed ihares sew biex ma ra lill-ebda wahda miz-zewg vetturi gejjin. Rilevanti ukoll li il-konvenut Gambin ghamel manuvra kontinwa, u sabiex jaqbad id-dahla ghac-cimiterju u jghid li f'ebda mument ma waqaf, anke jekk jirrizulta li kien qed isuq bil-mod hafna. Rilevanti ukoll li fil-mument tal-habta il-konvenut Gambin kien gja qabez il-linja medjana tat-triq, kif ukoll li nduna bil-konvenut l-iehor biss mal-habta.**

**11. It-Tribunal qed jaccetta li quddiem ic-cimiterju, fin-nofs tat-triq kien hemm linja bajda miksura u mhux kontinwa.**

**12. Ghandu jinghad li min qed isuq ghandu taht kull cirkostanza juza d-debita diligenza, specjalment jekk ikun hemm cirkostanzi ta' lok, hin, piz ta' vettura, stat tat-triq, li jimmeritaw sewqan mill-izjed prudenti.**
**Jigi rilevat li l-principju f'incidenti tat-traffiku gie kristallizzat mill-Qrati taghna kif ser jinghad:**

**"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-dottrina u fil-gurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' ncidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri:- Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah "a reasonable careful look-out", liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli." (App.Civ. Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et. Vol.XLVI-I-112)**
**Jigi rilevat ukoll kif inghad fil-kawza "Mazzitelli vs Carr" Vol.XXIX-II-504:**
**"A driver, in order to be free from blame, must have been driving in such a manner, with regard to all concomitant circumstances, as to have the car always and at any time, under proper control…………"**
**Fl-istess sentenza hemm referenza ghall-Codice Stradale Taljan fejn jinghad:**
**"Il conducente della automobile deve essere padrone della velocita` della macchina."**
**13. Inoltre min qed jeffettwa s-sorpass ghandu ikun zgur li jista' jeffettwa tali sorpass minghajr ma johloq perikolu ghall-traffiku iehor li jkun ghaddej. Kif jinghad mic-Charlesworth f'"The Law of Negligence" pp.78-79, "The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so…..A driver should not overtake at a corner or bend….or at cross-roads. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing damage to other traffic.**
**14. Tenut kont ta' dawn il-principji u tar-rizultanzi fattwali tal-kaz odjern, jirrizulta li l-velocita` li biha**

**kien ghaddej il-konvenut Kelly ikkontribwiet b'mod sostanzjali, jekk ma kienetx l-unika raguni, sabiex sehh l-incident de quo. Apparti minn dan anke il-fatt li l-istess konvenut Kelly effettwa sorpass billi mar fil-karreggata opposta tat-triq kien fih innifsu sewqan negligenti u azzardat. Kienet din il-velocita` eccessiva u l-habta li sehhet li tellfet l-kontroll lill-konvenut b'mod li spicca fil-vettura tal-attur.**

**15. Dwar il-konvenut Gambin it-Tribunal jinnota li kien hemm certu nuqqas, u dana in kwantu waqt li qed jaghmel manuvra perikoluza, ghax kien ser jaqsam prattikament minn mal-hajt ta' naha ghan-naha l-ohra, dan ma kien qieghed izomm "a proper look-out" ghat-traffiku li kien gej minn warajh, tant li nduna l-ewwel darba bil-konvenut Kelly biss mal-habta. Pero` definitivament ma kienx jahti ghall-incident fl-istess grad tal-konvenut Kelly, anzi ferm inqas.**

**16. Ghalhekk it-Tribunal, tenut kont ta' dan kollu, qed jattribwixxi tlett kwarti tar-responsabilita` tal-akkadut lill-konvenut Andrew Kelly u kwart lill-konvenut Gambin.**

**17. Il-kwantum tad-danni ma hux kontestat u jirrizulta fl-ammont ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) Dok.JG1 sa JG13. Konsegwentement il-konvenut Kelly ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' elf mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1125), filwaqt li l-konvenut Gambin ghandu jhallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm375).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed isib lill-konvenut Andrew Kelly responsabbli fi grad ta' tlett kwarti ghall-incident li sehh, u lill-konvenut Giuseppe Gambin responsabbli fi grad ta' kwart, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut Andrew Kelly ihallas lill-attur is-somma ta' elf mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1125), filwaqt li jikkundanna lilll-konvenut Giuseppe Gambin ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija**

**(Lm375) bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz dawk tal-konsult ammontanti ghal hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50), dawk ta' l-ittra legali tas-26 ta' Marzu, 2003, u dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera CGU Insurance plc u wkoll lis-socjeta' Middle Sea Insurance plc, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut Andrew Kelly u kwart mill-konvenut Giuseppe Gambin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------